Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,245, 6 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 190 tal-2019

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Taqsima A Tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima A tat-Tielet Skeda, għandu jidħol dan li ġej:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	Isem kimiku
"ADB-FUBINACA	*N*-(1-amino-3,3-dimethyl-1-oxobutan-2-yl]-1-(4-fluorobenzyl)-1*H*-indazole-3-carboxamide
FUB-AMB (MMB- or AMB-FUBINACA)	Methyl (2*S*)-2-{[1-[(4-fluorophenyl)methyl]indazole-3-carbonyl]amino}-3-methylbutanoate
N-ethylnorpentylone	1-(2*H*-1,3-benzodioxol-5-yl)-2-(ethylamino)pentan-1-one)".